MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-28 ta' Settembru, 2012

Numru. 988/2012

Il-Pulizija
(Sp Jeanne Farrugia)
vs
Abdi Ismail Hussain, iben Abdi Ismail, imwieled is-Somalja fl-1 ta’ Jannar, 1986, karta ta’ l-identita tal-pulizija numru 09D-209

Il-Qorti,
Rat l-aakuża kontra l-imputat talli f’Awwissu, 2012 u fix-xhur ta’ qabel, bħala persuna li mbarka jew żbarka, minn jew ġo Malta naqas li jkollu passaport u naqas li jagħti lill-Uffiċjal Prinċipali ta’ l-Immigrazzjoni l-informazzjoni preskritta u dik l-informazzjoni l-oħra kif l-Uffiċjal Prinċipali ta’ l-Immigrazzjoni jidihirlu xieraq li jeħtieġ skont l-artikolu 28 tal-Kapitolu 217 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tat-28 ta' Settembru, 2012 fejn l-imputat ammetta
l-akkuża miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkuża miġjuba kontra tiegħu.  Rat
l-artikolu 28 tal-Kapitolu 217 tal-Liġijiet ta' Malta u tikkundanna lill-imputat għal piena ta' sena priġunerija. Rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u tordna li tali piena ma sseħħ ħlief jekk l-imputat jikkometti ret ieħor li għalih hemm il-piena tal-priġunerija fi żmien sentejn mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------